32000D0737

25.11.2000 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 298/23

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
ta' l-20 ta' Novembru 2000
li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek centrali nazzjonali

(2000/737/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 122(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u partikolarment l-Artikolu 27(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ il-BĊE) tal-5 ta' Ottubru 2000,

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali għandhom ikunu verifikati minn awdituri indipendenti esterni rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

(2) Skond id-Deċiżjoni 2000/427/KE [1], billi l-Greċja ssodisfat il-kondizzjonijiet neċċessarji għall-adozzjoni tal-munita waħdanija fl-1 ta' Jannar 2001, id-deroga tal-Greċja msemmija fil-premess 4 tad-Deċiżjoni 98/317/KE [2] ġiet abrogata, b'effett mill-1 ta' Jannar 2001.

(3) Wara l-abrogazzjoni tad-deroga tal-Greċja, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE irrakkomanda li l-Kunsill japprova bħala awdituri esterni għall-Bank tal-Greċja għall-kontijiet annwali li jibdew mis-sena finanzjarja 2001: Ernst & Young (Hellas) Certified Auditors SA u Mr Charalambos Stathakis, *accountant* pubbliku ċertifikat u reġistrat.

(4) Huwa xieraq li tkun segwita r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv u li tiġi emendata d-Deċiżjoni1999/70/KE [3] kif xieraq,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE:

"12. Ernst & Young (Hellas) Certified Auditors SA u Mr Charalambos Stathakis, *accountant* pubbliku ċertifikat u reġistrat, huma hawnhekk approvati bħala l-awdituri esterni tal-Bank tal-Greċja għall-kontijiet annwali li jibdew mis-sena finanzjarja 2001."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tkun innotifikata lill-BĊE.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Novembru 2000.

Għall-Kunsill

Il-President

H. VÉDRINE

---

[1] ĠU L 167, tas-7.7.2000, pġ. 30.
[2] ĠU L 139, tal-11.5.1998, pġ. 30.
[3] ĠU L 22, tad-29.1.1999, pġ. 69. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2000/223/KE (ĠU L 71, tat-18.3.2000, pġ. 24).